# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **14** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur Charlot Mifsud |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 13.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Tenders u Kwotazzjonijiet
   - KLM 2013/07 – Insurance Cover for Marsaskala Local Council.
   - MLC 04/2013 – Rubber Flooring in Gnien Antoine Randich.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 *Qari w approvazzjonital-Minuti :*

1.1 **Laqgħa Nru 12(1) tal-4 ta' Novembru 2013:**

1.1.1 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard issekondat.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

1.2 **Laqgħa Nru 13(1) tat-13 ta' Novembru 2013:**

1.2.1 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi d-data għandha tinbidel u tiġi mniżżla bħala 12 ta' Novembru 2013 u mhux 13 ta' Novembru 2013.

1.2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi paġna 11 artiklu 6.6 għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

***"Is-Sindku qal illi bħal ma tkellimna iktar qabel issa m'hemmx żmien biżżejjed sabiex noħorġu kwotazzjoni għal dan it-tiżjin u allura għal din is-sena ma nistgħu nagħmlu xejn."***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issugerixxa illi ghandna nahdmu sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti fuq dwal tal-Milied f'postijiet maghzula mil-kunsill għal tlett snin.

Is-Sindku ppropona ghal kunsiderazzjoni tal-kunsill alternattiva ohra li nipprovaw nagħmlu jew nixtru xi tiżjin aħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn kuntratturi li jaħdmu ma' pool ta' Kunsilli Lokali għal kuntratti ta' madwar ħames snin.

Il-Kunsill qabel sabiex il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jiċċekja sew rigward dan u jippreżenta l-informazzjoni fis-seduta li jmiss.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kompla jgħid illi fil-*magazin* tal-Kunsill kien hemm ukoll spjegazzjoni għal pubbliku għaliex għal din is-sena ma kellnix tiżjin fil-Lokal tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jixtieq li jkollu kopja tal-ittra illi ntbagħtet lill-ħwienet ta' Marsaskala fejn inghatat spejagazzjoni mil-kunsill li ma kienx se jsir dawl tal-Milied ghal din is-sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi ser nibgħatulu kopja ta' din l-ittra.

1.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi paġna 6 artiklu 3.1 paragrafu 10 għandha tinqata s-sentenza li gejja:

**"Is-sur Cassar qal illi l-ebda diskussjoni ma ġiet ippreżentata lilu peress illi kollox sar minn fuq it-telefon."**

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 13(1) tal-12 ta' Novembru 2013:**

2.1.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet rigward l-artiklu #6.5 paġna 11, staqsiet fiex wasalna fuq din il-kwistjoni rigward il-proposta sottomessa mill-Kunsill *għal traffic management* aħjar kif proposta mill-kunsill ta' Marsaskala fi Triq il-Qaliet (in-naħa tal-Bajja ta' San Tumas) u li tinkorpora *construction buildouts* fil-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi kienet intbgħatet ittra lit-Transport Malta fejn huma irrispondew illi jridu spjegazzjoni aħjar liema spjegazzjoni ser tinkiteb mill-Perit tal-Kunsill fuq ir-raġjuni tal-*construction buildouts* fi Triq il-Qaliet biex issir definizzjoni aħjar tal-karreġġjata u b'hekk jitnaqqsu l-ammont ta' incidenti.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward artiklu #2.1.6 paġna 4 fejn is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi kien tkellem ma ufficjali minn Tmalta li kkonfermawlu illi din ir-rotta f'dan il-ħin partikolari kienet tneħħiet u qalu li ser jagħmlu l-almu tagħhom sabiex terġgħa tidħol lura minħabba li l-kunsill kien qed isostni li kien hemm domanda.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ser ikollu jkun iebes mat-TMalta u saħansitra jagħmel Press Conference jekk ikun hemm bzonn minħabba l-fatt li għad għandna tlett bus shelters illi għadhom ma sarux u qegħdin fi stat ħażin hafna. Tnejn minn dawn il-Bus Shelters jinsabu fi Triq il-Qaliet u waħda Pjazza Dun Tarċiż Agius. Il-Kunsill kellu saħansitra idawwar wieħed mill-bus shelters bil-pallets minħabba l-periklu li kien hemm peress li l-bankina kienet tħaffret u l-ilqugħ li kien sar ma kienx tajjeb.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem rigward paġna 8 artiklu #3.8 u qal illi għad hemm vettura ipparkjata fl-unloading bay fi Triq ix-Xatt u minħabba dan ma jistgħux isiru marki ma' l-art ta' l-Un/Loading bay.

Is-Sindku qal illi ser tittieħed azzjoni immedjata sabiex titneħħa din il-vettura u jsiru dawn il-marki

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward paġna 11 artiklu #6.4 rigward l-open plots u l-azzjoni li kellha tittieħed mill-Kunsill.

Is-Sindku qal illi intbgħatet ittra iebsa lill-MEPA u qalulna sabiex issir laqgħa magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li hu interessat li jattendi.

Is-Sindku qal li qed tissemma l-possibilta' l-Kunsill juża l-flus li jidħlu mil-UIF biex jinbnew boundary walls.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu kien għamel mozzjoni simili fil-leġislatura preċedenti li ma kienetx ġiet aċċettata mill-Kunsill.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-17.55p.m***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrefera għal-laqgħa li saret mall-uffiċjali tal-MEPA fejn konna morna fuq is-sit magħhom fejn saħansitra konna għaddejnilhom l-ismijiet ta' xi sidien ta' dawn il-plots.

Is-Sindku qal illi aħna ma nistgħux nidħlu ġo artijiet privati.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi lill-MEPA konna għaddejnilhom l-ismijiet ta' sidien li għandhom plots fin-naħa ta' Bellavista u xorta waħda ma ttieħdetx l-azzjoni neċessarja.

Is-Sindku qal li ser issir laqgħa mal-MEPA biex tinstab soluzzjoni. Il-MEPA issuġeriet biex jutilizzaw fondi mill-UIF biex jinbnew il-ħitan.

Is-Sindku qal illi l-MEPA qed jgħidu illi l-plots ta' Bellavista liema plots aħna tajnijhom l-ismijiet tas-sidien mhumiex fi stat ta abbandun għalkemm is-Sindku qal li ma jaqbilx assolutament ma dan għaliex hemm ammont kbir ta' ġrieden f'dawn il-plots.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jħoss li bħala Kunsill ser nkunu qed nonfqu fondi li jistgħu jintużaw għall-proġetti oħra favur ir-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrefera għal xi laqgħa fil-passat fejn kien attenda huwa u ppropona din l-inizjattiva li jiġu utilizzati fondi biex jinbnew il-boundary walls. Hu kompla jgħid illi qabel ma ntellaw xi ċnut għandna nibagħtu ittra lis-sidien tal-plots bħala avviż.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MEPA mhijiex l-awtorita li tista tagħti fakulta sabiex nidħlu fi propjeta' privata u jekk il-Kunsill jibni xi ċint is-sid jista jgħamel mandat ta' inibizzjoni fil-qorti biex iwaqqaf dan ix-xogħol u b'hekk il-Kunsill irid joqgħod attent u fil-laqgħa li ser issir mal-MEPA se jiġi diskuss dan kollu.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq artiklu #6.5 paġna 10 fuq mozzjoni 49 fejn qal illi l-importanti hu li mhux biss jieħdu sehem il-banda iżda jingħataw rikonoxximent ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri xtaq jagħmel korezzjoni ta' paġna 12 artiklu #7.2 peressli kien għadu mhux preżenti fil-laqgħa u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi kellu laqgħa mas-SurMatthew Pace sid tal-ħanut 47 Summer nights fejn ser jisponsorja tiġrija ta' 10 kilometri fimkien mall-Malta Amateur Athletic Association għal atleti u tfal fuq żewġ ġranet differenti. Ser jibdew mit-tiġrija tat-tfal fejn it-tiġrija issir fil- parking tat-Triq ix-Xatt, l-MAAA ser tkun qed tieħu ħsieb illi jinfurmaw lill-Pulizija rigward din l-attivita', d-dati għadhom mhux magħrufa u ser niġu nfurmati aktar tard."*

Kien hemm qbil unanimu favur din il-korrezzjoni.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Miżura 125 u Miżura 413:</u>**

Is-Sindku beda billi qal illi kemm l-miżura 125 u l-miżura 413 ġew aċċettati mill-GAL Xlokk.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa beda l-proċess ta' tħejjija għat-tender tal-Miżura 125 u ta' rendikont għal darb'oħra dwar x'jikkonsisti dan il-proġett.

3.2 **Bżonn li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jagħti l-kummenti tiegħu dwar il-FAR policy (35/6483/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi ta' spjegazzjoni fuq il-policy li kien bagħat għall-attenzjoni tal-Kunsilliera u rrefera għal korrispondenza li bagħat lil MEPA u ta'spjegazzjoni dettaljata fejn ġie ikkonfermat li f'Marsaskala mhux ser isiru aktar *high rise buildings* iżda Marsaskala ġiet ikkunsidrata eliġibbli għal medium rise buildings fejn minn erba sulari ikunu jistgħu jitilgħu sa tmien sulari.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-FAR policies jitkellmu fid-dettal fuq High rise iżda mhux l-istess ħaġa fuq medium rise buildings u għaldaqstant il-Kunsill irid joqgħod iktar attent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li f'din il-laqgħa hemm bżonn illi tittieħed deċiżjoni, hu kompla jgħid illi l-appartamenti ta' Monita mhumiex eżempju tajjeb u jħoss li l-Kunsill m'għandux jaqbel ma aktar bini simili tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta tkellimna fuq pjan Lokali fil-Kunsill kien diġa esprima l-opinjoni tiegħu illi hu ma jaqbilx li jinħarġu permessi biex jogħla aktar il-bini għaliex qed nkerrħu l-Lokal tagħna. Waħda mir-raġunijiet hija li n-nies qed jonxru fil-gallarijiet. Huwa kompla jgħid illi fi Triq il-Kosbor inbena bini li minn wara għattew ix-xemx kollha għax bnew *penthouses* fuq *penthouses*
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jiġu krejati ħafna problemi fosthom dik tal-infrastruttura li ma tkunx tiflaħ biżżejjed, problema fejn jistgħu jiġu utilizzati l-panelli, problema ta' parkeġġ, nuqqas ta' dawl minħabba bini għoli li jgħatti x-xemx u problema tal-inxir fost affarijiet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi r-residenti mhumiex ser jakkwistaw minn dan l-iżvilupp.

Il-Kunsill qabel unanimament li Marsaskala ma tkunx imniżżla fil-Medium rise buildings speċjalment meta wieħed iqis li minn erba sulari jistgħu jitilgħu għal tmien sulari minkejja li jkunu jistgħu jirtiraw lura sa 50% kien hemm qbil unanimu li tintbagħat din il-korrispondenza lil MEPA.

3.3 **Deċiżjoni li trid tittieħed jekk il-Kunsill għandux jibqa jifforma parti mill-ECAD (European Cities Against Drugs):**

Is-Sindku beda billi qal illi ma jħossx illi għandna nibqgħu nifformaw parti mill-ECAD, hu qal illi l-ammont ta' ħlas għas-safar kien ser ikun għoli u mhux *worth it*.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi hawn ħafna organizazzjonijiet Malta illi jieħdu ħsieb dan is-suġġett.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma nibqgħux niffurmaw parti mill-ECAD.

3.4 **Informazzjoni dwar l-abbozz ta' Waste Management (35/6448/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda bili spjega dan l-abbozz.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-Gvern Ċentrali għaddej bil-proċess ta' tfassil ta' waste management plan 2013-2020 u li l-implimentazzjoni ser tidħol fis-seħħ fl-2015. L-abbozz jitratta dwar il-possibilita' li jekk l-iskart jibdew jieħdu ħsiebu r-Reġjuni, l-kuntrattur ikun jista jinvesti iktar minħabba li jkollu aktar Kunsilli u jkun hemm il-possibilita' li l-kuntratti jitwalu għal perjodu itwal min dak kurrenti ta' erba snin. L-istess abbozz isemmi ukoll li għad hawn Kunsilli Lokali li jiġbru l-iskart 6 sa 7 darbiet fil-ġimgħa u jgħid li din hija prattika li trid titnaqqas.

Is-Sindku qal illi ma jaqbilx li l-immaniġjar ta' l-iskart jaqa taħt ir-responsabbilita' tar-reġjuni minħabba l-fatt illi jekk ikun hemm bżonn li nikkuntattjaw lill-kuntrattur dirett minħabba xi ilment dan ma nkunux nistgħu nagħmluh iktar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm miri mill-Unjoni Ewropeja li rridu naderixxu magħhom sa 2020 u jekk l-iskart jibqa jinġabar kuljum ir-residenti mhux ser ikunu nċentivati sabiex jisseparaw l-iskart. Hu kompla jgħid illi hemm studju li juri li fejn l-iskart jinġabar inqas frekwenti żdied l-ammont ta' skart riċiklat miġbur. Is-Sur Ciantar qal illi qed jinnota li l-Ħadd mhux kulħadd qed joħroġ l-iskart għax il-kuntrattur qed ilesti r-rotta malajr.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hemm bżonn li nedukaw aktar lir-residenti li l-iskart li ser jinħareġ huwa problema u jrid jitnaqqas u jrid ikun hemm element ta responsabilita' dwar l-iskart li ser jintrema. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar żied jgħid illi r-riżorsi u l-finanzjament huma l-qofol ~~tal-prinċipju li l-ġbir ta' skart jiġi amministrat mir-reġjuni skond dan l-abbozz~~.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk din hijiex dokumentazzjoni konsultattiva jew inkella ser tiġi attwata u jekk għadnix fiż-żmien sabiex nibagħtu illi bħala Kunsill ma naqblux ma dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi irridu nitkellmu aktar dwar il-possibilita' li ssemmiet fl-istess abbozz fejn hemm propost li l-iskart li jittieħed Sant'Antnin jiżdied minn 40% sa 70%. Huwa qal illi dan jista jfisser li jkollna aktar skart ġewwa l-impjant jekk l-effiċjenza ma tiżdiedx.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li tajjeb illi fir-rapport niktbu li fis-snin preċedenti l-Kunsill kien diġa ikkumenta li l-iskart fl-impjant m'għandux jiżdied u saħansitra ~~konna ssuġġerejna~~ sabiex jinfetħu żewġ impjanti oħra. Hu qal illi jekk jiżdied l iskart riċiklatt mhux ser tkun problema pero dak imħallat m'għandux jiżdied.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistaqsu jekk hux ser jiżdied l-ammont ta' skart u li tingħata risposta dettaljata lill-Kunsill dwar il-proposta li l-ammont ta' skart lejn l-impjant ta' Sant'Antnin jiżdied.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-bitħa tal-Wasteserv saret "eyesore" u l-irwejjaħ jiżdiedu ħafna fis-sajf.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tintbgħat ittra lill-Wasteserv dwar dan.

Il-Kunsill ma qabilx illi l-iskart jibda jinġabar mir-Reġjun iżda jaqbel li jittieħdu l-miżuri neċessarji biex ninċentivaw lin-nies biex jisseparaw l-iskart.

3.5 **<u>Biex il-Kunsill japprova li jagħmel madwar €130,000 f'kont fiss għal tlett xhur biss fil-BOV:</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir kont fiss għal tlett xhur ta' €130,000

3.6 **<u>Żieda fin-notch tal-iskrivana Sharon Schembri:</u>**

Il-Kunsill approva unanimament iż-żieda fin-notch tas-Sinjura Sharon Schembri.

3.7 **<u>Sejħa għall-Skrivana part time:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-permess għall-part timer ġewwa l-Kunsill inħareġ mid-Dipartiment u bħalissa għaddejjin bil-proċess tas-sejħa interna fost il-Kunsilli Lokali.

3.8 **<u>Biex il-Kunsill japprova l-leave ta' l-iskrivani u tas-Segretarju Eżekuttiv li ma ttieħedx din is-sena:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-ammont ta' siegħat ta' leave tiegħu u ta' l-impjegati li ma ttieħidx waqt is-sena 2013.

Il-Kunsill approva unanimament it-tiġdid tal-leave tal-iskrivani u s-Segretarju Eżekuttiv liema leave irid jittieħed sa Marzu 2014.

3.9 **Rigward il-bini amministrattiv tal-Kunsill il-ġdid. Bżonn li l-Kunsill Lokali jaġġorna l-istima u japprova li jinbeda l-proċess stipolat fil-Memo 58 tal-2012 (35/6634/13/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-ewwel darba li kien ra l-pjanta kien propju fl-ewwel laqgħa tal-Bord.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li l-ewwel irridu naqblu fuq il-prinċipju li jinbena l-bini amministrattiv.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianar qal li l-bini ta' l-uffiċini amministrattivi l-ġodda kien ġie diskuss fil-leġislatura ta' meta l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kien Sindku u kien hemm ukoll l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

Is-Sindku qal li tajjeb nagħmlu laqgħa propju biex niddiskutu l-bini fid-dettal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-pjanta għandha ħafna affarijiet nieqsa. Huwa kompla jgħid illi mar fuq il-post wara s-seduta tal-bord u innota li se tittieħed parti mil-ġnien ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irridu stima attwali biex ikollna indikazzjoni tal-ispiża totali biex b'hekk il-Kunsill ikun jaf l-ammont li jrid jissellef peress li hemm proċeduri kif jimxi skond ir-risposta li kien bagħat id-Dipartiment.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għaliex hemm biss żewġ sulari meta lanqas hemm is-sala tal-komunita`. Hu kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu għalissa jinbnew żewġ sulari bil-possibilita` li jinbena it-tielet sular.

Is-Sindku qal illi kull Kunsill qed jibni l-bini tiegħu għaliex dan għandu jitqies bħala investiment, filwaqt li semma li għadna l-permess mill-MEPA li jrid jerġa jiġġeded.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ilna 15-il sena niddiskutu ~~fuq~~ dan il-bini amministrattiv.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu mhuwiex komdu illi jkun parti min din id-deċiżjoni meta l-Kunsill ser ikun marbut għal ħafna snin, u dan qabel issir diskussjoni

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal lli fil-bord kien iddiskuta l-bini jinqasam fi tlett fażijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir laqgħa sabiex jiġi diskuss biss il-bini amministrattiv.

Is-Sindku qal illi l-ewwel għandha tittieħed mozzjoni jekk naqblux fil-prinċipju li jinbena l-Kunsill inkella inutli ndumu niddiskutu għal siegħat sħaħ qabel ma jsir qbil. Is-Sindku qal illi ilna biżżejjed nistennew barra minn hekk ma nistgħux nibqgħu nħallsu l-kera preżenti tal-bini preżenti.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk evalwajnix il-possibilita' illi nixtru minflok nibnu.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir stima mill-Perit tal-Kunsill fuq kemm ħa jiġi jiswina l-bini tal-Kunsill minħabba li l-istima preċedenti kienet saret snin ilu kif ukoll sabiex iġedded il-permess bil-modifikazzjonijiet kif kien mitlub waqt l-ewwel laqgħa tal-bord.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ilna nonfqu ħafna f'kirjiet u s'issa m'għandna xejn li hu tagħna, hu kompla jgħid illi f'għaxar snin infaqna iktar minn €80,000 f'kirjiet.

Is-Sindku ppropona li naqblu fuq il-prinċipju li jinbena l-Kunsill u jekk tgħaddi l-mozzjoni ssir laqgħa apposta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu mhux ser jieħu deċiżjoni mingħajr dokumentazzjoni u tajjeb li ssir il-laqgħa apposta qabel ma tittieħed deċiżjoni.

***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ppropona sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-prinċipju li jinbena l-bini amministrattiv tal-Kunsill u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 1 astensjonijiet.***

Il-Viċi Sindku ċċarat il-punt illi tirriserva d-dritt li tbiddel id-deċiżżjoni tagħha fil-każ li l-istima tkun waħda għolja.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar saħaq illi huwa xtaq li ssir laqgħa qabel ma ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-mozzjoni fuq il-bini amministrattiv tal-Kunsill.

3.10 **Korrispondenza mill-MEPA rigward plots vojta (35/6688/13/I):**

Din il-korrispondenza diġa ġiet diskussa f'din il-laqgħa artiklu 2.1.5 paġna 3.

3.11 **Biex jiġu eliminati dawn il-kontijiet minħabba li l-Kunsill m'għandux iktar bżonnhom**
**40020416430 – Kont kurrenti ERDF 212**
**40020416456 – Kont savings ERDF 212**
**40020543497 – EUPA kurrenti:**

Sar qbil unanimu li dawn il-kontijiet jitneħħew hekk kif ikollna l-approvazzjoni mill-Managing Authority.

3.12 **Artiklu li qegħdin jidru fuq il-ġurnal Illum:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif fl-artiklu ta' risposta li kien intbagħat mill-kunsill lill-gażżetta Illum l-editur tneħħa l-ewwel parti tal-artiklu tiegħu li kienet tgħid li din ir-risposta ġiet approvata mill-Kunsilliera kollha.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem rigward pagamenti numru 864 u qal illi l-pagament ġie approvat u jingħata biss wara li ssir it-tabella li kien hemm inkluż fil-kwotazzjoni.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat.**

**Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda tal-pagamenti.**

5.0 **Aġġudikazzjoni ta' Tenders u Kwotazzjonijiet:**

**KLM 2013/07 Insurance Cover for Marsaskala Local Council.**

| | Kuntrattur | | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1. | Mediterranean Insurance Brokers | Bid Bond OK | €1407.23 |
| 2. | Allcare Insurance Brokers | Bid Bond OK | €1176.13 |
| 3. | Global Insurance Brokers Ltd | Bid bond OK | €1454.07 |
| | | No tender form | |
| | | No non collusive | |
| 4. | Island Insurance Brokers | Bid Bond OK | €893.37 |

**Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ppropona lil Island Insurance Brokers peress li kien l-orħos offerent. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard issekondat.**

**Kien hemm qbil unanimu li din is-sejħa għall-offerti tingħata lil Islan Insurance Brokers peress li kien l-orħos offerent u ssodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Kunsill.**

5.1 **MLC 04/2013 – Rubber Flooring in Gnien Antoine Randich.**

| | Kuntrattur | | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1. | Mquipp | | €3955.00 |
| 2. | Forestals | Option A (redtiles) | €3238.90 |
| | | Option B (greentiles) | €3433.50 |

Saret diskussjoni dwar ir-rekwiżiti u l-importanza illi l-Kuntrattur illi jieħu din il-kwotazzjoni jaderixxi mar-rekwiżiti stipolati fil-kwotazzjoni fosthom dik ta' 2 year warranty.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi diġa għandna tapit tal-Mquipp fi Ġnien David Vella illi għadu tajjeb.

Il-Kunsill qabel unanimament illi fil-każ tal-Kuntrattur Forestals li kien l-orħos offerent dan irid jibgħatilna kjarifika tal-iscreed kif ukoll ta' sentejn garanzzija u jikkonfermalna illi dawn huma inklużi fil-prezz. Jekk Forestals jaderixxi ma dan kollu għandu jingħażel il-kuntrattur Forestals.

**Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li din il-kwotazzjoni tiġi aġġudikata lil Forestals bil-kundizzjoni li jaderixxi mal-kundizzjonijiet stipolati u li jagħtina konferma bil-miktub.**

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku - s-Sur Mario Calleja (#53-26/11/13):**

*"Jipproponi sabiex biex jitneħħew l-artbli minn nofs jew titwessha l-bankina fi Triq ir-Ridott."*

Il-Kunsill qabel unanimament li jitneħħew l-arbli u niktbu lil Enemalta.

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B Camilleri (#54-1/12/13):**

"Jipproponi sabiex titwaħħal lampa ġdida fi Triq ġdida c/w Triq San Nikola".

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur Charlot Mifsud (#055 – 9/12/13):**

*"Jipproponi sabiex quddiem il-fetħa ta' trejqet ix-Xibka li tagħti għal Triq l-Iskal issir junction box biex ma jipparkja ħadd "*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir double yellow line.

7.3 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#056 – 10/12/13):</u>**

***"Jipproponi sabiex ngibu sample tal-perspex b'kitba u kuluri iżjed vivaċi. Dawn jitwaħħlu mal-poles tal-ornamental lights. In-notices tal-klieb huma pjanċa u qed jintmermru kollha".***

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru tal-perspex.

8.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.</u>***

8.1 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandu jingħata rikonoxximent lis-Sur Pawlu Cassar li ħadem ħafna mar-residenti ta' Marsaskala, ma ħafna entitajiet ta' diversi karigi u li illum ma jistax ikompli bil-ħidma tiegħu peress illi qed jitlef id-dawl t'għajnejh.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb jinħatar bord sabiex jagħżel lil min jagħti rikonoxximent kif ukoll ġieħ fil-futur.
Marsaskala

Kien hemm qbil unanimu sabiex is-Sur Cassar jingħata rikonoxximent kif ukoll sabiex jinħatar bord.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi għandna niktbu lit-Transport Malta sabiex terġa titwaħħal l-crash barrier quddiem il-Bus Stop ftit iktar 'lisfel mil-Inspire.

9.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.10p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku